



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2013/2213(DEC)

27.11.2013

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2012 (2013/2213(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Pervenche Berès

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-kontribuzzjoni kontinwa tal-Aġenzija għall-promozzjoni ta' standards għolja ta' saħħa u sikurezza fuq il-post tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea u jiġbed l-attenzjoni għall-attivitajiet ewlenin importanti tal-Aġenzija matul l-2012, bħall-proġett Foresight li għandu x'jaqsam mar-riskji assoċjati mal-impjiegi hodur u t-tnedija tal-kampanja Postijiet tax-Xogħol li jippromwovu s-Saħħa; jistenna b'ħerqa l-programm strateġiku pluriennali l-ġdid tal-Aġenzija marbut mill-qrib mal-objettiv tal-istrateġija Ewropa 2020 u li jappoġġa l-istrateġija Ewropea tant meħtieġa u mistennija dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2013-2020;
2. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat it-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2012, legali u regolari;
3. Jilqa' l-iżviluppi pożittivi fin-negożjati mal-awtoritajiet Spanjoli dwar il-kwartieri tal-Aġenzija u li ftehim dwar is-sede jista' jiġi konkluż fl-2013;
4. Jinnota b'dispaċir il-kummenti tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati għall-2013; jiġġustifika r-riporti f'każijiet ta' proġetti pluriennali; jitlob madankollu għal miżuri li fil-futur itejbu l-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' akkwist;
5. Jieħu nota tal-kummenti tal-Qorti tal-Awdituri dwar ir-rata ta' kanċellazzjoni għolja għat- Titolu I (9.5 %); jiġbed l-attenzjoni madankollu għat-tnaqqis sena wara sena tar-rata ta' kanċellazzjonijiet fit-Titoli II u III, kif ukoll it-tnaqqis fir-rata ta' kanċellazzjoni ġenerali meta mqabbla mal-2011.